MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2010

Numru. 1074/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Geoffrey Azzopardi)**

**Vs**

**YASEEN KHALED ALI ALANANBEH**

**Illum 20 t’Ottubru, 2010.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **YASEEN KHALED ALI ALANANBEH**, ta’ sebgha w ghoxrin sena iben Khaled u Rabah, imwieled il-Jordan fis-26 ta’ Jannar, 1983 u residenti gewwa 82, Il-Mixtla, Flat 1, Triq il-Markiz Giuseppe Scicluna, Naxxar, detentur tal-passaport tal-Jordan numru H780032, tressaq

quddiemha akkuzat talli fl-20 t’Ottubru, 2010 u fil-gimghat ta’ qabel, gewwa dawn il-gzejjer:

Impjega jew ta’ xoghol lil persuna li ma kinitx persuna ezenti u li ma kellhiex licenzja moghtija lilha ghal dak l-impjieg jew xoghol skond id-disposizzjonijiet tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta’ Malta (l-Art. 32 (1) (b) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Bhala persuna responsabbli minn xoghlijiet ta’ kostruzzjoni f’sit minghajr isem u/jew numru fi Triq Oscar Zammit, Imsida, mpjega persuna li ma kienx cittadin ta’ Malta meta din il-persuna ma kellhiex permess validu w ufficjali (Art. 7 ta’ l-Avviz Legali 110 tas-sena 1993);

Bhala l-principal, jew il-persuna li timpjega persuni ohra, full-time, part-time jew xort’ ohra b’kuntratt definit jew indefinite jew bi prova, naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b’dan l-impjieg. (Art. 3 (a) ta’ l-Avviz Legali 110 tas-sena 1993).

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti kollha esebiti, fosthom stqarrija, fedina penali, fotokopja tal-passaport u tal-karta tal-idenita’ tal-imputat, kif ukoll fotokopja tal-permess ghal residenza tieghu hawn Malta.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux bzonn t’assistenza legali, w li fehem ben tajjeb l-import tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat sommarjament kif jirrizulta mill-ezami li sarju ai termini tal-Artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kodici Kriminali.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tal-ghoxrin ta’ Ottubru, 2010 w ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu

zmien xieraq biex jekk ried, seta’ jerga’ lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tal-ghoxrin t’Ottubru 2010.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni, w ghalhekk issuggerixxa li l-piena ghandha tkun fil-minimu taghha.

Ikkunsidrat:

Li in vista ta’ l-ammissjoni bikrija tal-imputat, u dak li stqarret il-Prosekuzzjoni u cioe’ li l-imputat ikkopera bi shih maghha tul din l-investigazzjoni, l-Qorti thoss li ghandha taghti il-piena fil-minimu taghha.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe’ l-Artikolu 32 (1) (b) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikoli 3 (a) u 7 ta’ l-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 tiddikjara li ssib lill-imputat YASEEN KHALED ALI ALANANBEH <u>hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u ammessi minnu stess u tikkundannah ihallas multa ta’ elf mija w hamsa w sittin Ewro (€1165) li ghandhom jithallsu fi zmien sitt xhur millum.</u>**

**Il-Qorti tordna inoltre li l-atti ta’ din il-kawza, flimkien mas-sentenza moghtija minnha illum stess, jintbaghtu lill-Avukat Generali fi zmien moghti mil-Ligi skond l-Artikolu 401(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------